MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Numru. 9/2007

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ernest Muscat bin Emanuel u Nazzarena nee' Mugliette imwieled fl-20 ta' Awissu, 2007 u residenti Flat 24, Blk F, Triq il-Klin, Zabbar, Malta I.D. 531761**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat Ernest Muscat u cioe` talli nhar it-22 ta' Ottubru, 2006 ghal habta ta' 15.00 hrs fl-inhawi ta' San Dimitri, Gharb, Ghawdex:-

1. ha jew ipprova jiehu, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur meta kien fil-pussess ta' mezz elettriku jew elettroniku ghal uzu ta' tisfir ta' ghasafar

registrati (pre-recorded bird caller) Reg 7(1)(d), 7(2) A.L.. 79 ta’ 2006.

2. u aktar talli ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur (Malvizz), liema ghasfur hu protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond dawn il-kundizzjonjiet ta’ kull licenzja li tinghata tahta u dan bi ksur ta’ l-A.L. 79/2006 Art 4(a) u A.L. 187/2006 Art 3 (c).

Semghet il-provi.

Rat Reg 7 (1)(d), 7(2) A.L. 79 ta’2006 kif ukoll l-A.L. 79/2006 Art 4(a) u A.L. 187/2006 Art 3(c).

Billi l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat ma jirrizultawx mill-provi ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilleberah minn kull akkuza.

Tordna wkoll r-rilaxx ta’ Dok EM4.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------